# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-20 ta' Ġunju 2016

Talba Numru: 754/2015

Numru fuq il-Lista:

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
u b'digriet mogħti mit-Tribunal datat il-11 ta' Frar 2016
l-atti ġew leġittimizzati f'isem is-soċjeta` **GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**David Galea**
**K.I. 430278(M)**

It-**Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u disgħa u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€969.57), liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni (mobile bin-numru

79428657) li jġib l-akkont numru A/C 50921036, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda d-difensur tiegħu deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-8 ta' Ġunju 2016 fejn huwa qara u ppreżenta nota t'ammissjoni.

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' disgħin ewro (€90), u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal iddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta' disa' mija u disgħa u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€969.57),  liema somma għandha titħallas f'pagamenti mensili ta' disgħin ewro (€90).  Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-imgħax legali jiddekorri mill-21 ta' Diċembru 2010 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 4880/10, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur